MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2010

Appell Civili Numru. 139/2007/1

**Rita Muscat, Carmen Muscat, Anglu Muscat,**
**Emily Muscat kemm f'isimha proprju**
**kif ukoll ghan-nom ta' hutha imsefrin, Maria Riley u Jane Collins,**
**Rose Azzopardi, Cettina Borg u Tony Muscat, John Muscat,**
**Rosaria sive Rose Camilleri, Nancy Said, Rita Meilaq, Carmen Galea, Joseph Muscat u Salvina Portelli kemm f'isimha proprju u ukoll f'isem hutha imsefrin Margaret Ghulam u Josephine Jones**

**v.**

**Joseph Muscat, Emanuel Muscat u b'digriet tat-30 ta' Jannar 2008**
**Dr Christopher Said gie nominat kuratur deputat sabiex jirraprezenta**
**lill-imsiefer Carmelo Muscat**
**u b'digriet tas-26 ta' Mejju 2009 l-Avukat Dr Jean Paul Grech**
**gie nominat bhala kuratur deputat tal-assenti Carmel Muscat**
**peress illi Dr Christopher Said m'ghadux jokkupa l-kariga**
**ta' kuratur tal-elenku.**

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

Dan huwa appell ad istanza tal-konvenut Joseph Muscat li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza parzjali mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, fl-4 ta' Dicembru 2009 billi tiddikjara li l-assi in diviżjoni jikkonsistu biss fis-segwenti: (i) il-pjan terran tal-fond numru 41, Triq ir-Ramla, Nadur, mhux inkluża wkoll f'dan il-fond il-mandra li hija mifruda minnu permezz tal-isqaq; u (ii) settima parti ($^{1}/_{7}$) indiviża mill-wirt tal-ġenituri ta' Carmela Muscat (Michael Muscat u Rosa xebba Said) li hemm qbil li għandu jibqa' komuni bejn il-partijiet, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess atturi appellati, u tirrinvija l-atti quddiem l-ewwel Qori għall-kontinwazzjoni.

Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza parzjali mogħtija mill-ewwel Qorti qegħdha tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:
"Permezz ta' rikors guramentat prezentata fis-17 ta' Dicembru 2007 l-atturi qeghdin jitolbu l-qasma tal-wirt ta' John u Carmela konjugi Muscat li mietu fis-7 ta' Awwissu 1958 u 29 ta' Jannar 1956, rispettivament, u li kellhom sitt itfal. Din hi l-azzjoni maghrufa bhala l'*actio familiae erciscundae*. Din is-sentenza qeghda tigi limitata sabiex jigi stabbilit il-konsistenza tal-assi ereditarji.

"F'dan ir-rigward il-konvenuti Joseph Muscat u Emanuel Muscat, permezz ta' risposta guramentata prezentata fis-6 ta' Marzu 2008[1] eccepew li m'humiex jopponu l-qsim tal-wirt, pero trid tigi stabbilita l-konsistenza tal-assi ereditarji tad-decujus u ssir prova tat-titolu ta' kull haga.

"Ghall-assenti konvenut Carmelo Muscat ma gewx prezentati eccezzjonijiet. Fis-seduta tat-13 ta' Ottubru 2009 il-kuratur iddikjara li *".... hu ra l-atti u m'hemmx sottomissjonijiet x'jaghmel, zied jghid ukoll illi ma kellux dettalji fejn jista' jikkomunika ma' l-assenti."*.

"Il-konjugi Muscat kellhom sitt (6) itfal, Michael (miet fis-7 ta' Dicembru 1984), Joseph, Paul (miet fit-2 ta' Gunju 1985), Rita, Carmelo u Emanuel.

"Permezz ta' nota prezentata fl-14 ta' Marzu 2008[2], l-atturi ddikjaraw li l-assi ereditarji huma s-segwenti:-

"(a) **<u>Parafernali ta' John Muscat</u>**:- Zewgt ikmamar imwaqqghin fl-indirizz 21, Triq ir-Ramla, Nadur, Ghawdex b'xi raba' maghhom ta' xi sitt (6) kejliet u b'maqjel maghhom sottostanti proprjeta' ta' terzi;
"(b) **<u>Parafernali ta' Carmela Muscat</u>**:- 1/7 indiviz mill-wirt tal-genituri taghha li kien jisimhom Michael Muscat u Rosa xebba Said;
"(c) **<u>Komunjoni tal-akkwisti</u>**:- 41, Triq ir-Ramla, Nadur, Ghawdex b'mandra annessa li hi mifruda mid-dar permezz ta' sqaq.

"Permezz ta' nota prezentata fis-26 ta' Marzu 2008 (fol. 63), il-konvenuti Joseph u Emanuel ahwa Muscat iddikjaraw li:-

"(a) Jaqblu li l-fond numru 41 (qabel 22), Triq Ramla, Nadur hu oggett tad-divizjoni.
"(b) Ma jaqblux li l-fond 21, Triq ir-Ramla, Nadur jifforma parti mill-assi ereditarji. Fis-seduta tal-21 ta' April 2008 iddikjaraw li ***"m'hemmx raba mal-fond numru 21."***.

---

[1] Fol. 37.
[2] Fol. 40.

"Fis-seduta tal-21 ta' April 2008, gie dikjarat li: *"Il-kontendenti jaqblu li fir-rigward tal-1/7 indiviz mill-wirt tal-genituri ta' Carmela Muscat din ghandha tibqa' komuni bejn il-partijiet."* (fol. 70). Iddikjaraw ukoll li: *"Il-partijiet jaqblu wkoll ili rrispettivament tal-konsistenza ta' l-assi ereditarji l-proprjeta' zgur li m'hijiex kommodament divizibbli u li l-uniku kontestazzjoni li hemm bejniethom hi limitata ghall-proprjeta' li tifforma parti mill-assi ereditarji ta' John u Carmela Muscat."* (fol. 70).

"Fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-imsemmija konvenuti Joseph u Emanuel ahwa Muscat[3], issemmew porzjonijiet raba' ohra li jsostnu li ghandhom ikunu parti mill-qasma. Din ir-raba' tissemma fid-denunzji (fol. 48 u fol. 53). F'dan ir-rigward, fl-ahhar seduta l-atturi ddikjaraw:-

*"Dr Kevin Mompalao ghall-atturi ddikjara li b'referenza ghall-proprjetajiet li ssemmew fin-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-ahwa Emanuel u Joseph Muscat,* ***l-atturi jippretendu sehem <u>biss</u> minn porzjon art maghrufa bhala Tad-Duru, fil-limiti tan-Nadur****,* ***Ghawdex****. Fir-rigward tal-kumplament tar-raba' din hi bi qbiela li tinsab fil-pussess ta' l-imsemmija ahwa Muscat, bl-eccezzjoni tal-porzjon art maghrufa ta' San Blas li qeghdha f'idejn terzi."*.

"B'din is-sentenza parzjali ser jigi determinat liema proprjeta' li ssemmiet fil-kors tal-gbir tal-provi, ghandha tifforma oggett tal-qasma. Il-proprjeta' hi s-segwenti:-

"**<u>Ghorfa li hi parti mill-fond numru 41, Triq Ramla, Nadur, Ghawdex</u>**:- Originarjament dan il-fond kellu n-numru 22 u kien inxtara minn John u Carmela konjugi Muscat permezz ta' kuntratt li sar 3 ta' Dicembru 1921 fl-atti tan-nutar Angelo Cauchi (fol. 64). Anness mal-kuntratt hemm rapport tal-perit Carmelo Attard li ddeskriva l-fond bhala: *"Il luogo di case consiste in una camera ad uso di bovile con porta per la strada – una piccola entrata – un gabinetto – una camera con porta per l'entrata –* ***scale scoperte conducente per il piano superiore – un***

[3] Prezentata fis-7 ta' Settembru 2009.

***piccolo terrazzo – un gabinetto ad uso di cucina – una camera con due finestre e porta per il terrazzo.”*** (enfazi tal-qorti).

“Rajna kif permezz ta’ nota prezentata fis-26 ta’ Marzu 2008 (fol. 63), il-konvenuti Joseph Muscat u Emanuel Muscat iddikjaraw li ***“....jaqblu li l-fond numru 41 gia’ numru 22, Triq ir-Ramla, Nadur, huwa oggett tad-divizjoni.....”***. F’din in-nota ma saret l-ebda rizerva dwar xi parti minn dan il-fond. Fl-ewwel seduta (21 ta’ April 2008), gie verbalizzat li *“Dr Mario Scerri ghall-konvenuti spjega li l-konvenuti qeghdin isostnu li m’hemmx raba mal-fond numru 21.”* (fol. 70). Kien fis-seduta tat-12 ta’ Gunju 2008 li Joseph Muscat qal li l-ghorfa hi proprjeta’ tieghu, fis-sens li kien xtraha, bil-kelma, minghand missieru ghall-prezz ta’ £200[4]. Flus li jghid li missieru kellu bzonn sabiex jaghtihom lill-ibnu Paul li kien ighix barra minn Malta; *“Il-papa jiena staqsejtu, ghidtlu, issa jien tajtek il-flus, issa x’ser taghtini lili minflok ? Qalli, lilek naghtik l-ghorfa.”*. Mill-provi rrizulta li Joseph Muscat kien ghamel zmien ighix fil-fond numru 22 (illum 41), Triq Ramla, Nadur, flimkien ma’ martu Rita Muscat. Tant hu hekk li bejn April 1952 u Awwissu 1958 gie registrat li f’dan il-fond martu welldet hames (5) ulied[5]. Fond li fih kienu jghixu wkoll il-genituri tieghu, John u Carmela konjugi Muscat.

“Bejgh ta’ immobbli jrid isir permezz ta’ att pubbliku. L-Artikolu 1363 tal-Kodici Civili jipprovdi:-***“Il-bejgh ta’ beni immobbli ma jiswiex jekk ma jsirx b’att pubbliku.”***. L-atturi jargumentaw, minghajr ma ssollevaw eccezzjoni f’dan is-sens, li minkejja ma sarx att pubbliku *“.....**bhala bejgh illum jitqies li huwa wiehed validu** billi ghaddew ferm aktar minn tletin sena.”*[6]. Irrispettivament ta’ kemm-il

[4] F’nota prezentata fit-3 ta’ Marzu 2009, il-konvenuti ddikjaraw li: *“...... l-ghorfa ta’ fuq kienet gie mibjugha lill-konvenut Joseph Muscat ghall-prezz ta’ mitejn lira sterlini, f’liema parti diviza ghamel zmien jghix sakemm akkwista dar ohra fil-vicin fl-istess Triq.”* (fol. 175). Fin-nota ta’ sottomissjonijiet li pprezentaw fis-7 ta’ Settembru 2009 iddikjaraw li s-sular ta’ fuq tal-fond numru 41 *“.....ghandha tigi eskluza mill-qasma billi kienet giet mibjugha minn Giovanni Muscat lil ibnu, il-konvenut Joseph Muscat, u ghalhekk illum hija proprjeta tal-konvenut Joseph Muscat.”*.

[5] Fol. 185-189.

[6] Nota prezentata fis-7 ta’ Settembru 2009.

sena setghet ghaddiet mill-allegat bejgh, il-bejgh qatt ma jista' jitqies validu ghaliex ma sarx pubbliku; *quod nullum est nullum producit effectum*.

"Jirrizulta li fid-denunzja ta' Carmela Muscat (fol. 48), prezentata fil-21 ta' Marzu 1956, zewgha John Muscat kien iddikjara li l-wirt taghha kien jinkludi:

*"Post ta' diar li jinsab fil-limiti tan-Nadur Nru 22, Triq Ramla, jikkonsisti fi* ***pjan wiehed****, jigifieri kamra, bitha zghira u tarag mikxuf, soggett ghac-cens..... Dan il-post gie akquistat matul iz-zwieg ta' Gianni ma Carmela Muscat in circa ta' hamsa u tletin (35) sena ilu."*.

"Il-konvenuti jsostnu li din id-dikjarazzjoni hi prova li tikkonferma t-tezi taghhom li s-sular ta' fuq kien inbiegh lil Joseph Muscat. Pero' f'dan il-kuntest:-

"(a) Jekk John Muscat ried li s-sular ta' fuq, cjoe' fejn tinsab l-ghorfa, jeskludih mid-denunzja ghaliex kien bieghu lill-ibnu Joseph, il-qorti kienet tippretendi li jsemmi li l-pjan ta' fuq kien inbiegh lill-ibnu Joseph. Id-denunzja saret ghal skopijiet ta' hlas tat-taxxa tas-successjoni (Kap. 70 tal-Ligijiet ta' Malta). Fid-denunzja jinghad li l-fond inxtara fiz-zwieg minn Gianni u Carmela konjugi Muscat. Fond li fiz-zmien tal-akkwist kien diga' jinkludi s-sular ta' fuq. Inoltre, meta jsir paragun tad-deskrizzjoni li nghatat fir-rapport tal-perit Carmelo Attard u d-denunzja ta' Carmela Muscat, jirrizulta li wkoll fir-rigward tal-pjan ta' isfel, fid-denunzja thallew ambjenti barra;

"(b) Fit-28 ta' Novembru 1956 John Muscat kien ghamel testment fl-atti tan-nutar Giuseppe Grech fejn halla b'legat lil Joseph Muscat porzjon art maghrufa il-Giardina, Nadur. F'dan it-testment iddikjara li kien qieghed ihalli l-art b'legat lill-ibnu Joseph ghaliex l-art kien akkwistaha xi sentejn qabel b'irkupru bi flus li kien tah ibnu; *"issa billi l-istess testatur Ganni Muscat ma iridx illi ikun hemm glied u qwistjonijiet bejn it-tfal tieghu."* (fol. 10). Ir-raguni tghidlek li jekk il-verzjoni tal-konvenut Joseph Muscat ghandha mis-sewwa, missieru kien probabilment jaghmel disposizzjoni fir-rigward tal-ghorfa gialadarba ma sarx att

ta’ bejgh. B’hekk biss seta’ jevita kwistjonijiet bla bzonn bejn l-ahwa.

“(c) Jekk il-verzjoni tal-konvenuti ghandha mis-sewwa, il-qorti kienet tippretendi li fin-nota li pprezentaw fis-26 ta’ Marzu 2008 kienu ighidu li s-sular ta’ fuq tal-fond numru 41, Triq ir-Ramla, Nadur ghandu jigi eskluz ghaliex kien xtrah Joseph Muscat. Kif rajna, f’din in-nota llimitaw ruhhom biex ighidu li jaqblu li l-fond numru 41, Triq ir-Ramla, Nadur hu ghall-qasma. Dan iktar u iktar meta l-fond hu wiehed.

“Cirkostanzi li jhallu d-dubju dwar il-verzjoni tal-konvenuti.

“F’kull kaz mill-eccezzjonijiet li nghataw mill-konvenuti, il-qorti ma tistax tasal biex tikkonkludi li s-sular ta’ fuq, fejn hemm l-ghorfa, hu proprjeta’ tal-konvenut Joseph Muscat u ta’ martu Rita. Ghalhekk il-fond intjier numru 41 ghandhom jifforma parti mill-assi ereditarji ta’ John u Carmela konjugi Muscat.

“Ghalkemm il-konvenuti jsostnu li wara li sar il-bejgh tal-ghorfa lill-konvenut Joseph Muscat, *“il-parti terrana tal-post fejn baqghu jghixu Ganni u Carmel Muscat kellha bieb numru 23 filwaqt li l-ghorfa li fiha kien dahal jghix il-konvenut Joseph Muscat wara li zzewweg baqghet iggib in-numru 22”* (fol. 175), ukoll jekk gara hekk ma jfissirx li l-proprjeta tas-sular ta’ fuq saret tal-konvenut Joseph Muscat. Illum fuq il-bieb ta’ barra tal-fond hemm biss in-numru 41. Hu wkoll evidenti li d-dhul ghal dan il-fond, inkluz l-ghorfa fis-sular ta’ fuq, hu minn dan il-bieb.

“L-atturi jsostnu li ma’ dan il-fond hemm ukoll *“...mandra annessa mieghu liema mandra hija mifruda mid-dar permezz ta’ sqaq.”* (fol. 40). F’dan il-kuntest l-attrici Carmela Muscat xehedet li fiz-zwieg, nannuha John Muscat kien xtara dan il-fond, *“....flimkien ma bicca art li tigi magemb dik Tal-Harruba permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-nutar Anglu Cauchi tat-tlieta (3) ta’ Dicembru, elf disa’ mija tnejn u ghoxrin (1922).”* (fol. 85). Mill-imsemmi kuntratt ma jirrizultax li l-fond numru 41 (qabel 22) kien jinkludi mandra. Fid-dawl tal-provi li tressqu, il-qorti ma

tistax tikkonkludi li dan il-fond jinkludi wkoll mandra, li hi mifruda permezz ta’ sqaq. Kemm il-kuntratt u r-rapport anness mieghu ma jaghmlu l-ebda riferenza ghal mandra.

“**21, Triq ir-Ramla, Nadur, Ghawdex**:- F’dan ir-rigward ma giex prezentat kuntratt ta’ akkwist. Il-post hu mgarraf. Jirrizulta li fl-2002, il-konvenut Joseph Muscat u martu Rita Muscat kienu ipprezentaw applikazzjoni mar-Registru tal-Artijiet (fol. 207) sabiex jirregistraw dan il-fond f’isimhom. Il-bazi tal-akkwist hi l-preskrizzjoni. Waqt access li sar fit-12 ta’ Gunju 2009, Joseph Muscat iddikjara li ma kienx jaf min hu l-proprjetarju tal-art li hemm quddiem il-bieb ta’ barra tal-fond numru 41. Sahansitra, meta gie mistoqsi jekk fl-art kien hemm xi bini, wiegeb *“ma nafx”*[7]. Dikjarazzjoni xejn kredibbli ghall-persuna li twieldet, trabbiet u ghexet f’dawn l-inhawi. Il-qorti fehemet li l-fond numru 21 kien mibni fuq din l-art. Fis-seduta tal-1 ta’ April 2009, Rita Muscat (mart il-konvenut Joseph Muscat) xehedet: *“Naf bil-post li hemm in-Nadur li hu mwaqqa’ li qieghed hdejn l-ghorfa.* ***Mistoqsija ta’ min hu, inwiegeb ma nafx.*** *Il-post imwaqqa’ mhuwiex tieghi – jiena ma nafx ta’ min hu ! Illum kullma hemm borg gebel.”* (fol. 199 – enfazi tal-qorti). Certament li dak li qalu l-konvenut Joseph Muscat u martu Rita Muscat, jistona ma’ dak li hemm dikjarat fl-applikazzjoni li giet prezentata fir-Registru tal-Artijiet. Ghalkemm il-konvenuti oggezzjonaw ghall-prezentata ta’ dawn id-dokumenti[8], in kwantu f’dak l-istadju kien inghalaq il-gbir tal-provi[9], il-qorti m’hijiex ser tordna l-isfilz taghhom. Dawn huma kopja ta’ dokumenti li gew prezentati fir-Registru tal-Artijiet, u l-konvenuti kellhom kull opportunita’ li jikkumentaw dwarhom. Dan minkejja l-fatt li l-qorti qeghda kontinwament ikollha tiffaca kazijiet fejn il-provi jitressqu bil-qatra l-qatra. L-attrici Carmen Muscat xehedet li kien wara li nbdiet il-kawza li *“....sirna nafu illi l-konvenut Joseph Muscat kien qabad u rregistra l-post l-antik illi originarjament kien igib in-numru wiehed u ghoxrin (21) fuq ismu fir-registru ta’ l-artijiet u qieghed*

---

[7] Fol. 78.
[8] Fol. 222-223.
[9] Fis-sedua tal-25 ta’ Novembru 2008, l-atturi ddikjaraw li m’ghandhomx iktar provi (fol. 130).

*jghid li akkwistah bil-preskrizzjoni."* (fol. 85). Ghalkemm l-affidavit sar fis-6 ta' Gunju 2008, kien biss wara li nghalaq il-gbir tal-provi li l-atturi pprezentaw kopja tad-dokumenti relattivi annessi ma rikors li pprezentaw fis-26 ta' Mejju 2009. Inoltre, id-dmir tal-partijiet u l-avukati taghhom hu li jaghmlu r-ricerki mehtiega qabel tigi prezentata l-kawza, sabiex ladarba tibda jkunu f'posizzjoni li jressqu l-provi in sostenn tat-tezi taghhom. Hekk biss jista' jitnaqqas il-hela ta' zmien zejjed, li jwassal ghal dewmien bla bzonn f'hafna kawzi.

"Hu minnu li meta saret id-denunzja ta' John Muscat, minn ibnu Michael Muscat, dan il-fond ma giex dikjarat[10]. Jirrizulta li John Muscat, li kellu l-laqam ta' Canak, kien ghamel snin ighix f'dan il-fond[11]. Fil-fehma tal-qorti rilevanti huma l-atti tal-kawza fl-ismijiet: **Giovanni Muscat vs Francesco Portelli** (Citaz. numru: 17/47) prezentata fis-6 ta' Mejju 1947. F'din il-kawza, John Muscat talab lill-qorti biex tikkundanna lill-konvenut ihallsu somma li tigi likwidat, *".....bhala valur ta'* ***nofs l-hajt bejn l-fondi tal-kontendenti fin Nru 20 u 21*** *ta' Triq Ramla, Nadur komuni bejniethom li ultimament gie rikostruwit mill-istanti."*. Kien xehed fis-seduta tad-29 ta' Mejju 1947 u kkonferma li ghandu dar u peress li l-hajt divizorju kien kundannat, kien waqqghu u bnieh mill-gdid izda l-konvenut ma kienx hallas sehemu. F'tali cirkostanzi, il-qorti temmen li l-verzjoni tal-atturi hi iktar verosimili, fis-sens li l-fond kien proprjeta' ta' John Muscat. Wara kollox l-awtur tal-partijiet hu proprju John Muscat, li kien ipprezenta l-kawza fuq imsemmija. L-atturi ghamlu wkoll riferenza ghall-kawza fl-ismjiet **Frangisk Portelli vs Giovanni Muscat** (Citaz. numru: 4/1955) deciza fis-26 ta' Jannar 1955. Kawza li kienet titratta dritt ta' passagg. Il-qorti rat l-atti, pero' ma tistax tasal ghal konkluzjoni li hemm xi prova li l-fond numru 21 kien proprjeta' ta' John Muscat. Dan minkejja li l-atturi ddikjaraw li *"L-esponenti jhossu illi l-process kollu ta' din il-kawza huwa importanti b'mod specjali x-xhieda migbura u r-rapport tal-perit legali."* (fol. 237).

---

[10] Fol. 182-183.
[11] Ara fol. 87-89.

"**<u>Porzjon art maghrufa tal-Harruba, Nadur</u>:-** L-attrici Rita Muscat, wahda mit-tfal ta' John Muscat, xehedet: *"Naf illi f'dawk l-inhawi daqxejn l-isferl mill-post il-gdid li kien bena missieri l-familja tieghi kellha bicca art li ahna konna nsibuha bhala tal-Harruba. Din l-art kien jiehu hsiebha missieri u missieri kien tajilu ukoll n-nannu Anglu."* (fol. 96). Fil-fehma tal-qorti, f'dan ir-rigward ma tressqux provi sodisfacenti li din il-porzjon raba' kienet proprjeta' ta' John Muscat. Inghataw verzjonijiet konfliggenti, u f'kull kaz il-qorti m'hijiex sodisfatta li d-decujus kien proprjetarju ta' art maghrufa tal-Harruba. F'dan il-kuntest, Mikiel Muscat (missier uhud mill-atturi), lanqas ma semmieha fid-denunzja ta' missieru (ara fol. 53-55). Dan minkejja li Carmen Muscat xehedet li kienet tisma' lil missierha jghid li din il-porzjon raba' kienet messet lil John Muscat f'divizjoni verbali li ghamel ma' hutu Frencu u Joseph, fir-rigward tal-wirt ta' missierhom (Angelo Muscat)[12].

"**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tiddeciedi li l-assi li ghandhom jiffurmaw oggett tal-qasma huma:-**

"**(1) Il-fond kollu numru 41, Triq ir-Ramla, Nadur Ghawdex. Pero' mhux inkluza l-mandra li l-atturi jsostnu li tifforma parti mill-fond u mifruda permezz ta' sqaq.**
"**(2) L-art fejn kien mibni l-fond numru 21, Triq Ramla, Nadur, Ghawdex u li llum hu mgarraf, inkluz il-kamra li tigi taht il-proprjeta' ta' terzi (maghrufa tat-Taljan).**
"**(3) Porzjon raba' maghrufa bhala tad-Duru, Nadur b'kejl ta' cirka hames (5) sighan.**
"**(4) 1/7 mill-wirt tal-genituri ta' Carmela Muscat (Michael Muscat u Rosa xebba Said), li hemm qbil li ghandu jibqa' komuni.**

"**Il-kap tal-ispejjez jibqa' rizervat ghas-sentenza finali.**"

**<u>Rikors tal-appell tal-konvenut Joseph Muscat:</u>**

[12] Ara fol. 84.

Il-konvenut Joseph Muscat ħass ruħu aggravat bis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Generali, u għalhekk interpona appell minnha. L-aggravju tiegħu jikkonsisti fis-segwenti:

(1) Dwar il-fond 41, (gja` 22) Triq ir-Ramla, Nadur:

L-appellant ma jaqbilx mar-raġunijiet li tat il-Qorti biex ikkonkludiet li l-pjan superjuri (mezzanin) jifforma parti minn dan il-fond. Huwa jsostni li kien ħallas lil missieru mitejn lira sterlina (£200) u hu kien tah fejn jidħol jgħix u jagħmel familja fil-pjan superjuri. Jispjega li dan il-fond ilu fil-pussess esklussiv tiegħu għal dawn l-aħħar ħamsa u sittin (65) sena u huwa aċċessibbli minn taraġ mikxuf minn ġo entrata mikxufa. Jgħid li ċ-ċwievet għadhom għandu sa llum u ħadd mill-aħwa qatt ma vvantaw pretensjonijiet fuq il-mezzanin mill-mewt tal-missier fl-1958 sa ma saret il-kawża fl-2007. Jgħid ukoll li ż-żewġ fondi bdew jintgħarfu b'numri separati, u jsemmi li meta mietet l-omm, il-missier fid-denunzja kien iddikjara li l-fond li kellhom bejniethom fl-epoka ta' mewtha kien jikkonsisti biss "fi pjan wieħed".

Iżid jgħid ukoll li anke jekk it-trasferiment ma sarx b'kuntratt pubbliku, għandha tapplika l-preskrizzjoni trentennali fir-rigward tal-mezzanin li kien irċieva mingħand missieru peress li tul dan iż-żmien kollu huwa ppossjeda l-mezzanin bħala tiegħu. Huwa jirreferi għall-Artikolu 2143 tal-Kapitolu 12[13] tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi li "*L-azzjonijiet kollha, reali, personali, jew misti jaqgħu bil-preskrizzjoni egħluq tletin sena, u ebda oppożizzjoni għall-preskrizzjoni ma tista' ssir minħabba n-nuqqas ta' titolu jew ta' bona fidi*".

(2) Dwar il-fond 21, Triq ir-Ramla, Nadur

[13] Fil-fatt huwa l-Artikolu 2143 ta' **Kapitolu 16**, u mhux ta' Kapitolu 12 li jipprovdi hekk.

L-appellant jargumenta li ġialadarba l-ewwel Qorti dehrilha li għaliex il-bejgħ tal-pjan superjuri ta' dak li qabel kien jifforma parti mill-fond numru 41, Triq ir-Ramla, Nadur, ma kienx sar b'att pubbliku ma kienx wieħed validu, l-istess Qorti allura ma kellhiex tqis li l-fond l-imġarraf bil-kamra (ossia maqjel) li jiġi taħt proprjeta` ta' terzi, bin-numru 21, Triq ir-Ramla, Nadur, kien proprjeta` ta' Ganni Muscat, u li kellu jidħol għall-qasma, ladarba ma jirriżulta minn imkien li hemm kuntratt tal-akkwist ta' dan il-fond. Huwa jsostni li l-ewwel Qorti kellha timxi bl-istess argument, u in mankanza ta' titolu kellha teskludi wkoll dan il-fond mill-qasma. Isostni li l-fatt li ntwera li Ganni Muscat kien jgħix fih għal xi żmien u mbagħad ħareġ minnu wara li xtara l-fond numru 22 fl-istess triq, ma jikkostitwixxi l-ebda prova li l-fond kien proprjeta` tiegħu u li ma kienx f'idejh b'kera jew ċens li għalaq. Anzi jgħid ukoll li Mikieli Muscat kien eskluda fid-denunzja li għamel ta' missieru Ganni Muscat il-proprjeta` tal-fondi li l-atturi qed jippretendu li għandhom jiġu inklużi fil-wirt.

<u>(3) Dwar Porzjon raba "tad-Duru", Nadur, kejl ta' ċirka 5 siegħan</u>

L-appellant isostni wkoll li dan ir-raba msejjaħ "tad-Duru" ma kellux jiġi inkluż fil-qasma. Jgħid li kien proprju fl-aħħar udjenza quddiem il-Qorti tal-ewwel istanza li l-atturi ħolmu b'din il-bicca art. Din l-art, jargumenta l-appellant, fl-ewwel lok, mhux magħruf eżatt fejn tinsab, u fit-tieni lok lanqas ma hu magħruf jekk it-titolu li kellha Carmela Muscat fuqha spiccax jew le wara li għalaq ic-cens temporanju. Għalhekk jinsisti li din l-art titħalla barra mill-qasma minħabba dawn id-dubji serji li jeżistu fil-konfront tagħha.

**<u>Risposta tal-atturi appellati:</u>**

L-atturi appellati wieġbu biex juru li l-appell interpost mill-konvenut appellant Joseph Muscat għandu jiġi micħud u s-sentenza appellata kkonfermata, bl-ispejjeż kontra l-istess konvenut appellant.

<u>(1) Dwar il-fond 41, (gia 22) Triq ir-Ramla, Nadur</u>

L-appellati josservaw li huwa f'dan l-appell li għall-ewwel darba l-konvenut qed isemmi l-kelma "preskrizzjoni" fir-rigward ta' dan il-fond. Huma jaccennaw għall-fatt li f'nota li esebixxa hu stess (fol. 63) kien iddikjara li jaqbel li dan il-fond ikun mertu tad-diviżjoni. Fil-fehma tagħhom huwa argument "buffu" dan tal-konvenut appellant meta jgħid li s-sular ta' fuq huwa distint minn dak ta' isfel, meta ż-żewġ sulari jiffurmaw parti minn binja waħda u tidħol għalihom minn bieb wieħed.

Dwar il-fatt li fid-dikjarazzjoni li kien għamel il-missier fid-denunzja wara l-mewt ta' ommhom, huwa m' għamilx riferenza għall-pjan ta' fuq, jargumentaw li dan ma jfisser xejn, għaliex id-denunzja tas-suċċessjoni ma hija l-ebda prova ta' xi titolu iżda saret għal skopijiet ta' ħlas ta' taxxa ta' suċċessjoni.

Isemmu ukoll li kif anke rrilevat l-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, meta l-missier kien uża xi flus minn ta' ibnu l-konvenut appellant, huwa kien ikkumpensah għal dan fit-testment tiegħu billi ħallielu porzjon art li kien irkupra bil-flus li kien tah l-istess ibnu; huwa ma għamel l-ebda dispożizzjoni simili fir-rigward ta' xi flus li allegatament l-istess appellant Joseph Muscat kien tah u li kif qed jgħid hu, dawn ġew paċuti mal-prezz tal-bejgħ tas-sular ta' fuq tad-dar tiegħu.

Iżidu jgħidu wkoll li wara li l-konvenuti ma baqgħux jgħixu fil-kmamar ta' fuq, ma jirriżultax li baqgħu fil-pussess tagħhom – fil-fatt ċertu Peter Paul Galea, xhud indipendenti, kien xehed li sa fejn jaf hu, dawk il-kmamar dejjem kienu okkupati minn Emanuel Muscat (wieħed mill-ko-dividendi) u meta kienu marru jagħmlu xi riparazzjonijiet, kien Emanuel Muscat li kien ikun hemmhekk.

<u>(2) Dwar il-fond 21, Triq ir-Ramla, Nadur</u>

L-appellati jispjegaw li fis-sena 2002 il-konvenut appellant għamel applikazzjoni mar-Registru tal-Artijiet biex jirreġistra l-fond bħala tiegħu u jiġi minnu akkwistat a bażi

tal-preskrizzjoni. Iżidu jgħidu li stranament, meta l-Qorti żammet aċċess fuq il-post huwa wieġeb li l-post ma jafx ta' min hu u lanqas jaf kienx hemm bini fuqu jew le. Jgħidu li martu wkoll wieġbet li ma tafx ta' min hu.

L-appellati jsostnu li tant verament Gianni Muscat kien jikkonsidra dan il-fond bħala tiegħu li kien anke pproceda permezz ta' kawża ċivili fis-sena 1947 sabiex jipproteġi din il-proprjeta`. Jgħidu li huwa kien ipposjeda dan il-fond *animo domini* kif jirriżulta mhux biss mix-xhieda tagħhom, iżda anke ta' mart il-konvenut.

Jargumentaw ukoll li l-fatt li ma ssemmiex fid-denunzja, ma jfissirx li l-proprjeta` mhix tal-eredita`, għaliex il-valur probatorju li joħroġ mid-denunjza huwa wieħed relattivament dgħajjef speċjalment meta mqabbel mad-dikjarazzjonijiet li kien għamel Ganni Muscat stess fil-kawża tas-sena 1947.

<u>(3) Dwar ir-raba magħrufa bħala "tad-Duru" ta' kejl ta' ċirka ħames sigħan:</u>

Dwar l-aggravju tal-appellant fir-rigward ta' din l-art, l-appellati jirrilevaw li din ir-raba qegħdha f'idejn l-appellant, iżda jaċċennaw għall-fatt li l-appellant stess kien fin-nota tal-osservazzjonijiet tiegħu saħaq li din l-art tidħol fid-diviżjoni. Jaccennaw ukoll għall-verbali li saru quddiem il-Qorti fejn il-partijiet qablu li tali proprjeta` għandha tidħol in diviżjoni.

**<u>Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

**L-ewwel aggravju:**

L-appellant Joseph Muscat isostni li kuntrarjament għal dak li ddeċidiet l-ewwel Qorti, is-sular ta' fuq tal-proprjeta` 41, Triq ir-Ramla, Nadur, ma kellux jiġi inkluż fil-qasma, għax huwa proprjeta` tiegħu.

Fir-rigward tal-proprjeta` **41, (gja` 22) Triq ir-Ramla, Nadur**, jirriżulta li din il-proprjeta` kienet inxtrat mill-konjuġi John u Carmela Muscat permezz ta' kuntratt datat 3 ta'

Dicembru 1921 fl-atti tan-Nutar Angelo Cauchi. Kif osservat l-ewwel Qorti, il-konvenuti Joseph u Emanuel Muscat permezz ta' nota ppreżentata fis-26 ta' Marzu 2008, kienu ddikjaraw li huma jaqblu li dan il-fond huma oġġett tad-diviżjoni u ma saret l-ebda riserva dwar xi sular minn dan il-fond.

Fis-seduta tat-12 ta' Ġunju 2008 imbagħad Joseph Muscat xehed li s-sular ta' fuq huwa tiegħu peress li kien "xtrah" mingħand missieru. Huwa xehed li din id-dar tal-ġenituri tiegħu, (dak iż-żmien bin-numru 22, Triq ir-Ramla, Nadur) kienet tikkonsisti f'żewġt ikmamar fis-sular ta' isfel, u li missieru kien bena għorfa fis-sular ta' fuq, liema għorfa hija aċċessibbli mid-dar stess. Huwa spjega li darba minnhom missieru kien talbu l-flus u huwa kien fil-fatt tah mitejn Lira Maltin (L200). "*Il-papa kont staqsejtu, għidtlu, issa jien tajtek il-flus, issa x'ser tagħtini lili minflok? Qalli, lilek nagħtik l-għorfa…..Bil-kelma kien tahieli l-papa` l-għorfa*." Żied jgħid li dan kien madwar xi ħamsa u ħamsin (55) sena ilu u li kien jgħix f'dan il-post mal-familja tiegħu sakemm kellu l-ewwel erba' jew ħamest itfal, imbagħad bena x'imkien ieħor[14]. Xehed li meta bena d-dar l-oħra l-għorfa beda jużaha għat-tiben u s-silla.

Fin-nota tal-konvenuti Emanuel u Joseph Muscat, ippreżentata fit-3 ta' Marzu 2009, huma ddikjaraw li "*Parti diviża mil-lok ta' djar numru 22, Triq ir-Ramla, Nadur, u cioe` l-għorfa ta' fuq kienet ġiet mibjugħa lill-konvenut Joseph Muscat għall-prezz ta' mitejn lira sterlini, f'liema parti diviża għamel żmien jgħix sakemm akkwista dar oħra fil-vicin fl-istess triq.*" (Fol. 175)

Fis-7 ta' Settembru 2009 il-konvenuti ppreżentaw nota fejn fost affarijiet oħra ddikjaraw li l-parti ta' fuq tal-fond 41, Triq ir-Ramla, Nadur "*għandha tiġi eskluża mill-qasma billi kienet ġiet mibjugħa minn Giovanni Muscat lil ibnu, il-konvenut Joseph Muscat, u għalhekk illum hija proprjeta` tal-konvenut Joseph Muscat*". Irrilevaw ukoll li "*Il-fatt li ma sarx kuntratt pubbliku bejn Giovanni Muscat u ibnu*

[14] Fil-fatt miċ-ċertifikati tat-twelid esebiti a fol. 185-189 tal-proċess, jirriżulta li l-ewwel ħamest uliedu twieldu proprju fl-indirizz "22, Ramla Road, Nadur".

*Joseph Muscat, b'daqshekk ma jfissirx li ma kienx sar il-bejgħ tal-pjan ta' fuq, u li bħala bejgħ illum jitqies li huwa wieħed validu billi għaddew ferm aktar minn tletin sena,* …"

Din il-Qorti taqbel perfettament mal-Qorti tal-ewwel grad meta hija kkonkludiet li dan l-allegat bejgħ qatt ma jista' jitqies bħala wieħed validu peress li ma sarx permezz ta' att pubbliku. Hija konsiderazzjoni inutili dik li fid-denunzja ta' Carmela Muscat (l-omm) ippreżentata fil-21 ta' Marzu 1956, Ganni Muscat kien iddeskriva d-dar bħala li tikkonsisti "fi pjan wieħed". Fl-ewwel lok għandu jingħad li denunzja tas-successjoni mhix prova ta' titolu, u fit-tieni lok, anke jekk wieħed kellu jargumenta li l-fatt li ma ssemmiex l-ewwel sular huwa prova li dan kien inbiegħ lil Joseph Muscat, jibqa' l-fatt li tali "bejgħ" kellu bżonn il-pubblikazzjoni għall-validita` tiegħu. Fi kwalunkwe każ, kif osservat l-ewwel Qorti, fid-deskrizzjoni tal-fond għall-finijiet tad-denunzja, mhux biss ma ssemmiex is-sular ta' fuq iżda anke ma ssemmewx ambjenti oħra fis-sular ta' isfel.

L-appellant iqajjem ukoll il-punt li wara li kien "xtara" s-sular ta' fuq, iż-żewġ fondi bdew jintagħrfu b'numri separati: l-għorfa kellha numru għaliha u t-terran fejn baqgħu jgħixu ommu u missieri kellu l-bieb b'numru għalih. Dan il-punt kien diġa` qajmu qabel (fol. 175) u kif irriteniet l-ewwel Qorti, anke jekk ġara hekk, dan il-fatt ma jfissirx li l-proprjeta` tas-sular ta' fuq saret tal-konvenut Joseph Muscat. Illum hemm biss numru wieħed mal-bieb ta' barra tal-fond, li huwa d-dħul għall-proprjeta` kollha, kemm tal-parti ta' isfel u kemm tas-sular ta' fuq.

L-appellant isemmi wkoll li, bħala prova li huwa ġieli ta flus lil missieru hemm ukoll l-akkwist tal-għalqa li missieru kien għamel fis-sena 1954 meta kien irkupra biċċa art magħrufa bħala "il-Giardina", fil-limiti tan-Nadur, bil-flus li kien tah hu stess, għal liema flus huwa kien għamel riferenza fit-testment tiegħu.

Apparti l-fatt li għax l-appellant kien għadda l-flus lil missieru għall-irkupru tal-għalqa dan ma jipprovax li kien

ukoll għaddielu flus għall-għorfa, huwa irrilevanti għall-vertenza odjerna li fil-fatt jiġi pruvat li l-appellant kien għadda xi flus lil missieru u li ta' dan kien ikkompensah bl-għorfa. Kif diġa` ingħad, bejgħ ta' proprjeta` immobbli irid ikun ippubblikat għall-validita` tiegħu. Di piu`, dan il-punt l-ewwel Qorti diġa` kkunsidratu u anzi argumentat li r-raġuni tgħidlek li jekk il-missier kiteb dik il-porzjon art (Il-Giardina) lil ibnu Joseph fit-testment peress li kien irkupraha bil-flus li tah hu, kellu allura jagħmel l-istess ħaġa fir-rigward tas-sular ta' fuq tal-fond 41(gja` 22) Triq ir-Ramla, Nadur, ġialadarba ma sarx att ta' bejgħ relattiv.

L-appellant jikkritika l-pożizzjoni tal-ewwel Qorti meta hija qalet li "*irrispettivament ta' kemm-il sena setgħet għaddiet mill-allegat bejgħ, il-bejgħ qatt ma jista' jitqies validu għaliex ma sarx pubbliku; quod nullum est nullum producit effectum*" u jargumenta li għandha tapplika l-preskrizzjoni trentennali dwar il-mezzanin.

Pero` kif osservat l-ewwel Qorti, il-konvenuti <u>qatt ma ssollevaw l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni trentennali</u>, <u>u lanqas fil-fatt ma ssollevaw tali eċċezzjoni fl-istadju tal-appell</u>. L-ewwel Qorti kienet qegħda sempliciment tanalizza l-argument tal-konvenuti fin-nota tagħhom, u proprju l-frażi "…*bħala <u>bejgħ</u> illum jitqies li huwa wieħed validu billi għaddew ferm aktar minn tletin sena*." (sottolinear tal-Qorti). Kif spjegat ben tajjeb l-ewwel Qorti, jekk "bejgħ" qatt ma kien validu, l-ebda ammont ta' snin ma kienu se jikkonvalidawh.

Kieku tqajmet il-preskrizzjoni akkwiżittiva trentennali, l-indaġni tal-Qorti kienet tieħu dimensjoni oħra, peress li din il-preskrizzjoni hija mezz ta' kif bniedem li jippossjedi proprjeta` *animo domini* b'mod kontinwu, mhux interrott, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku għal tletin sena jakkwista t-titolu tal-istess proprjeta`. Issa fil-każ in kwistjoni mhux talli l-konvenut appellant ma għamel l-ebda eċċezzjoni tal-preskrizzjoni f'dan is-sens, talli l-unika aċċenn li għamel għall-preskrizzjoni hija proprju għal dik estintiva u mhux dik akkwiżittiva, u fil-fatt isemmi u jiċċita l-Artikolu 2143, dwar l-estinzjoni tal-azzjonijiet. Iżda, sabiex tkun tista' tiġi opposta l-preskrizzjoni trentennali

estintiva għal azzjoni ta' diviżjoni ta' ħaġa komuni hija neċessarja l-prova ta' pussess pubbliku esklussiv ta' dik il-ħaġa li timmanifesta b'mod inekwivoku l-volonta` tat-tgawdija tal-ħaġa komuni kollha. F'ċirkostanzi fejn si tratta ta' pussess esklussiv allegat ta' parti minn ħaġa komuni li baqgħetipposseduta in komunjoni għar-rigward tal-parti rimanenti tapplika l-preskrizzjoni akkwiżittiva u mhux dik estentiva.[15]

Għalhekk l-ewwel aggravju huwa għal kollox infondat.

**It-tieni aggravju**

L-appellant jikkritika wkoll il-konklużjoni tal-ewwel Qorti fir-rigward tal-fond li kellu n-numru 21, Triq ir-Ramla, Nadur u jsostni li dan il-fond għandu jitħalla barra mid-diviżjoni ladarba m'hemmx prova li dan il-fond kien ġie akkwistat permezz ta' kuntratt ta' akkwist.

Mill-provi akkwiżiti, jirriżulta li dan il-fond, li kien iġib in-numru 21, Triq ir-Ramla, Nadur illum huwa post imġarraf. Jirriżulta wkoll li l-istess appellant u l-mara tiegħu kienu ppreżentaw applikazzjoni mar-Reġistru tal-Artijiet fis-sena 2002 sabiex jirreġistraw dan il-fond f'isimhom a bażi tal-preskrizzjoni.[16] Nonostante dan, fl-1 ta' April 2009, Rita Muscat, mart l-appellant Joseph Muscat, xehdet li ma tafx ta' min hu l-post imwaqqa' li jinsab ħdejn l-għorfa u sostniet li "*Il-post imwaqqa' mhux tiegħi – jien ma nafx ta' min hu!*"[17]. Ukoll fl-aċċess li sar fit-12 ta' Ġunju 2009, l-

---

[15] Fil-kawża "Grazia Borg vs Rosa Farrugia nomine et" (deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Marzu 1957) ġie ritenut illi "*…l-azzjoni ta' diviżjoni hija impreskrittibbli matul iż-żmien li l-konsorti jgawdu l-ħaġa jew ħwejjeġ komuni bħala komunisti, iżda hija preskrittibbli meta l-konsorti ma jibqax igawdi l-ħaġa jew ħwejjeġ indiviżi bħala konsorti u jibda' jipposjedihom separatament u bl-esklużjoni tal-konsorti l-oħra. Din il-preskrizzjoni hija ta' tletin sena, u tibda' tgħaddi mill-ġurnata li jibda' l-pussess separat u esklussiv (Vol XIX-I-120); u biex tiġi respinta l-azzjoni tad-diviżjoni minħabba l-preskrizzjoni, hija neċessarja l-prova ta' pussess pubbliku esklussiv, li minnu timmanifesta ruħha b'mod mhux ekwivoku l-volonta` tat-tgawdija tal-ħaġa komuni kollha (Vol XVI-II-4). Hemm bżonn għalhekk, li min jinvoka favur tiegħu il-preskrizzjoni jkun ipposjeda "animo domini" billi kien jikkunsidra ruħu proprjetarju u kellu l-fehma ġusta li kien akkwista l-proprjeta`*".

[16] Fol. 207-209
[17] Fol. 199

appellant mistoqsi mill-Qorti jekk jafx ta’ min hi l-biċċa art li tinsab quddiem il-bieb ta’ barra tal-fond 41, Triq ir-Ramla, Nadur, wieġeb li ma jafx, u meta ġie mistoqsi jekk tiffurmax parti mill-ġid tal-ġenituri tiegħu reġa’ wieġeb li ma jafx. Ġie mbagħad imfakkar li qiegħed bil-ġurament u ġie mistoqsi jekk kienx hemm bini f’tali post u baqa’ jgħid li ma jafx: “*Qed niġi mistoqsi mill-Qorti u ġejt mgħarraf illi qiegħed bl-istess ġurament jekk f’din il-qatgħa art illi tinsab faċċata tal-bieb bin-numru wieħed u erbgħin (41) kienx hawn xi bini u qiegħed inwieġeb illi jiena ma nafx.”*[18] Tassew li kif osservat l-ewwel Qorti, din hija dikjarazzjoni xejn kredibbli għal persuna li trabbiet u għexet f’dawn l-inħawi.

Carmen Muscat, bint Michael Muscat, li huwa bin Gianni Muscat, xehdet li fil-post 21, Triq ir-Ramla, Nadur, kien fil-fatt jgħix nannuha Gianni Muscat, (missier l-appellant) u li din il-proprjeta` kien ġabha mingħand missieru. Xehdet li dejjem intqal fil-familja li “*dak il-post kien ġej mingħand il-bużnanniet, kien jissemma’ l-bużnannu tiegħi Anġlu Muscat u anke missier il-bużnannu Ġużepp Muscat li ukoll kien jgħix fil-fond qabel in-nannu*.” Fil-fatt ġie wkoll esebit estratt mir-reġistru elettorali tad-9 ta’ Apri 1922 li juri li ċertu “Giovanni Muscat di Angelo”, (bin Angelo) bil-laqam “Taċ-Ċanag” kien joqgħod proprju fil-fond 21, Strada Ramla.[19] Ġie ukoll esebit estratt mill-parroċċa tan-Nadur magħruf bħala l-polza tat-tqarbin (*Adempimento del Precetto Pasquale*) li juri n-nies li kienu jgħixu f’dan il-fond mis-sena 1939 sas-sena 1949, u minnu jirriżulta li f’Casa No, 21, Via Ramla, kienu jgħixu “Famiglia di Tac-Canak”, u proprju Giovanni u Carmela Muscat u wliedhom (inkluż il-konvenut appellant stess).[20]

Rita Muscat, li tiġi bint Gianni Muscat, xehdet li għexet tfulitha ma’ ħutha l-oħra fil-fond 21 Triq ir-Ramla, Nadur. “*Naf li missieri kien ġab il-proprjeta` tiegħu billi kien tahielu n-nannu Anġlu cioe` missieru. Dan kif kont nismagħhom jgħidu specjalment lil ommi u lil missieri…..Naf illi dik il-proprjeta` qabel kienet ġejja*

[18] Fol. 78
[19] Fol. 88, Dok CM1
[20] Fol. 89, Dok CM2

*mingħand missier in-nannu u kienet baqgħet tintiret sakemm waslet għand missieri. Ħadd ma naf li qatt allega illi dik il-proprjeta` ma hijiex tagħna u missieri dejjem qiesha bħala l-proprjeta` tiegħu.*" Kontro-eżaminata xehdet[21] li missierha kien jgħid li l-fond 21, Triq ir-Ramla, Nadur "*ġej mill-wirt tan-nannu u tahulu*" u xehdet li ma tiftakrux iħallas flus lin-nies bħala kera għaliha.

Issir ukoll riferenza għall-kawża **Giovanni Muscat v. Francesco Portelli** (Citazzjoni Numru 17/47) ippreżentata fis-6 ta' Mejju 1947 fejn Gianni Muscat kien talab lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut iħallas somma bħala valur ta' nofs il-ħajt bejn il-fondi tal-kontendenti fin-numri 20 u 21 Triq ir-Ramla, Nadur, komuni bejniethom, liema ħajt kien ġie rikostruwit mill-istess Gianni Muscat. Fix-xhieda tiegħu, Gianni Muscat kien ikkonferma li d-dar hija tiegħu: "*Jiena għandi dar Via Ramla u għandi tmiss miegħi dar oħra proprjeta` ta' Frencu Portelli. Il-ħajt diviżorju bejnietna kien kundannat u kelli inwaqqgħu u nibnih jiena. Lilu avżajtu wkoll qabel waqqajtu. Meta tellajtu ma riedx iħallas sehemu pero` issa qiegħed jgħidli mat-tfal tiegħu li hu jrid jirranġa*."[22]

Veru li kif jargumenta l-appellant, Mikiel Muscat, li jiġi bin Gianni Muscat (u wkoll missier Carmen Muscat) meta għamel id-denunzja ta' missieru ma semmiex dan il-post, iżda apparti l-fatt li d-denunzja mhix prova konklussiva ta' titolu o meno, din il-Qorti tħoss li fl-assenza ta' kuntratt tal-akkwist, jeżistu biżżejjed provi li jwasslu lil din il-Qorti tikkonkludi għall-inqas fuq bażi ta' probabbilita` li l-art fejn kien mibni l-fond 21, Triq ir-Ramla, Nadur kienet proprjeta` ta' Gianni Muscat u għalhekk, kif tajjeb iddecidiet l-ewwel Qorti, għandha tifforma parti mid-diviżjoni odjerna.

Huwa ampjament ċar li l-oppożizzjoni da parti tal-appellant li dan il-fond jifforma parti mill-proprjeta` in diviżjoni ġejja mill-fatt li hu u martu qed jippretendu li jagħmluh tagħhom a bażi tal-allegata preskrizzjoni akkwiżittiva.

---

[21] Fol. 126
[22] Fol. 6 tal-atti tal-kawża Cit. Nru. 17/47.

Għallhekk jidhrilha li t-tieni aggravju huwa wkoll infondat.

**It-tielet aggravju**

It-tielet aggravju jikkoncerna r-raba magħruf bħala "Tad-Duru", Nadur, kejl ta' cirka ħames sigħan. Hawnhekk ukoll l-appellant qed joġġezzjona li dan ir-raba jiġi inkluż fil-qasma u dan għaliex skont hu jeżistu dubji serji fil-konfront tagħha għaliex (1) mhux magħruf eżattament fejn tinsab, u wkoll (2) mhux magħruf jekk it-titolu li kellha Carmela Muscat fuqha spiċċax jew le wara li għalaq iċ-ċens temporanju.

L-appellati jsostnu li r-raġuni għaliex l-appellant qed joġġezzjona li dan ir-raba jiddaħħal fil-qasma huwa proprju għaliex hu stess jinsab fil-pussess tiegħu. Huma jaċċennaw għall-fatt li l-appellant innifsu fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu[23] kien saħaq li din l-art għandha tiddaħħal fid-diviżjoni fejn elenka lista ta' beni li għandhom jiġu inklużi wkoll fid-diviżjoni, fosthom din l-art partikolari.
*"Illi fid-dawl tal-premess fil-qasma ta' Giovanni Muscat u Carmela Muscat għalhekk għandhom jidħlu biss is-segwenti mmobbli:*

*……….. ommissis ………..*

*(vi) Il-biċċa raba fin-Nadur, magħrufa "Tad-Duru" ta' xi ħames sigħan, u tmiss mill-punent ma' beni ta' Angelo Grech, nofsinhar ma' triq pubblika, u lvant ma' beni ta' Salvu Mifsud, li hija assi ta' Carmela Muscat li kienet wirtitha mingħand il-ġenituri tagħha".*

L-appellant mhux biss kien ippretenda li din ir-raba tiddaħħal fid-diviżjoni iżda meta fis-seduta ta' quddiem il-Qorti tas-27 ta' Ottubru 2009 (l-aħħar seduta qabel ma l-kawża tħalliet għas-sentenza) l-atturi ddikjaraw li huma kienu qegħdin jippretendu sehem biss minn din il-biċċa

[23] Fol. 245 et seq, datata 7 ta' Settembru 2009

raba magħrufa bħala "Tad-Duru" ma saret l-ebda oġġezzjoni da parti tal-konvenuti li din tiddaħħal fil-qasma.

Dak in-nhar li ngħatat is-sentenza, u cioe` fl-4 ta' Dicembru 2009, l-atturi sostnew li l-art magħrufa bħala "Tad-Duru" hija proprju dik l-art li qegħdha fil-pussess tal-konvenut Joseph Muscat. Dottor Mario Scerri għall-konvenuti irrileva li din ir-raba "Tad-Duru" mhix l-istess raba li qegħdha f'idejn il-konvenut, anzi qal li l-konvenuti ma jafux fejn hi r-raba.

Din il-Qorti hija rinfaċċjata b'sitwazzjoni fejn l-appellant, fin-nota tal-osservazzjonijiet tiegħu kien insista li din ir-raba kellha tiddaħħal fid-diviżjoni, imbagħad l-istess appellant ħassu "aggravat" bil-fatt li l-ewwel Qorti fil-fatt daħħlitha! Fir-rikors tal-appell tiegħu l-appellant jilmenta li fl-aħħar seduta tal-Qorti, qabel ma l-kawża tħalliet għas-sentenza, (u cioe` dik tas-27 ta' Ottubru 2010) "*l-atturi ħolmu b'biċċa art oħra tad-Duru li tissemma' fid-denunzja li għandha tidħol għall-qasma*, *liema biċċa art jippretendu li hija dik fil-pussess tal-esponenti meta fl-istess inħawi l-atturi għandhom fil-pussess tagħhom biċċiet ta' raba wkoll ta' bejn wieħed u ieħor l-istess kejl, u meta l-atturi jafu ben tajjeb li l-art fil-pussess tal-esponenti ma tmissx ma' triq pubblika, kif hemm imsemmi fid-denunzja ta' Carmela Muscat li saret fis-sena 1956*". Huwa jilmenta wkoll li għalkemm fid-denunzja hemm dikjarat li r-raba hija soġġetta għal ċens temporanju l-atturi ma ġabu l-ebda prova jekk dan iċ-ċens għalaqx jew le, la prova taċ-ċens u meta beda, u lanqas ma llokalizżawha.

Mhux minnu li kienu l-atturi li "ħolmu" b'din il-biċċa art qabel ma l-kawża marret għas-sentenza kif qed isostni l-appellant, iżda kif diġa` ingħad, hu stess kien elenkaha fin-nota tal-osservazzjonijiet tiegħu, u għalhekk il-provi dwar jekk iċ-ċens għalaqx se mai seta' ġabhom huwa stess. Lanqas ma ġab provi biex din l-art tiġi identifikata, u issa jidher li hemm nuqqas ta' qbil dwar fejn tinsab din l-art u jekk hix proprju dik li qegħdha fil-pussess tiegħu jew le. Din il-Qorti ma tistax tifhem għaliex dawn il-problemi qajjimhom issa fl-istadju tal-appell meta seta' qajjimhom qabel ma ngħatat is-sentenza.

Din il-Qorti hija tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi l-proprjeta` għandha tidħol fil-qasma bejn il-kontendenti.  Ma nġabet l-ebda prova fir-rigward konvinċenti da parti tal-appellant l-għala, fl-istadju ta' appell, għandu jkun hemm riforma minn kif iddeċidiet l-ewwel Qorti dwar din il-porzjoni art. Għalhekk din il-Qorti jidhrilha li t-tielet aggravju huwa wkoll infondat u qiegħed jiġi respint.

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiċħad l-appell tal-konvenut appellant, filwaqt li tikkonferma *in toto* s-sentenza appellata.

Billi din hija sentenza *in parte*, tordna li l-atti tal-kawża għandhom jiġu rimessi mill-aktar fis, a kariku tar-Reġistratur, quddiem l-ewwel Qorti sabiex tkompli s-smiegħ tal-kawza skont il-liġi.

L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu mill-appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------